# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru 440/1992 FDP**

Fl-ismijiet

**Riccarda Cachia u Giuseppe Cachia u permezz ta' digriet datat 18 ta' Novembru 2011 l-atti ta' Giuseppe Cachia ġew trasfużi f'isem Jane Grima u Lino Cachia**

**Vs**

**Paul Colombo u b'digriet datat 13 ta' Mejju 2009 l-atti ġew trasfużi f-isem Giovanna Muscat, George Colombo, Rita Zammit, John Colombo, Carmelo Colombo, Navarra Camilleri u Emanuel Colombo**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' April 1992, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu is-segwenti:

   *Peress illi l-attriżi u l-konvenut ħuha jippossjedi l-fond numru ħdax (11) Saint Bernardette Street, San Ġwann fi kwoti ndaqs u indiviżi bejniethom.*

   *Peress illi l-attriżi ma tixtieqx tibqa' in komunjoni ma' ħuha.*

*Peress illi permezz ta' ftehim bil-miktub datat 14 ta' Ottubru 1991, l-attriċi u l-konvenut irrimettew id-differenzi tagħhom għall-arbitraġġ tal-Perit Joseph Huntingford kif jirriżulta millliskrittura li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument A.*

*Peress illi dan l-arbitraġġ sar u l-arbitru iddeċieda u qasam il-fond skond l-annessa dokument B.*

*Peress illi l-konvenut anke wara interpellanzi inkluża dik tal-ittra uffiċjali datata 27 ta' Frar 1992 xorta waħda naqas li jersaq għall-att notarili opportun.*

*Peress illi l-atturi sofrew danni minħabba l-inadempjenza tal-konvenut li jersaq għall-att notarili ta' diviżjoni ser in forza tal-arbitraġġ kif ukoll wara interpellanzi mill-attriċi anke qabel l-imsemmi arbitraġġ.*

*Jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti:*

*(1) Tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' diviżjoni skond id-deċiżjoni tal-arbitru Perit Joseph Huntingford.*
*(2) Tinnomina nutar pubbliku biex jippubblika l-imsemmi kuntratt u perit arkitett biex jissorvelja x-xogħolijiet deċiżi mill-arbitru fl-imsemmi arbitraġġ kif ukoll kuratur għall-eventwali kontumaċi.*
*(3) Alternattivament taqsam u tiddividi il-fond 1, St Bernardette Street, San Ġwann f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja porzjoni lil kull wieħed mill-partijiet u dan okkorrendi bl-opra ta' periti nominandi.*
*(4) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għad-danni konsistenti f'telf ta' kirjiet li kellhom jiġu perċepiti mill-atturi.*
*(5) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*
*(6) Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi dik is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni għar-raġunijiet premessi.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali fuq imsemmija, tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 548/92 kontra l-konvenut nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-2 ta' Ġunju 1992 il-konvenut irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi it-talbiet kollha tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*A. Illi l-atturi ma jistgħux jagħmlu talbiet alternattivi, kif qegħdin jikkontemplaw huma. Jew treġġi l-ewwel talba u konsegwentement it-tieni waħda b'dan illi f'każ li jiġu miċħuda, kif għandhom jiġu miċħuda ma jistgħux jissusistu it-talbiet l-oħra, speċjalment it-tielet talba li hija kontemplata bħala alternattiva għall-ewwel u t-tieni waħda.*

*B. Bla preġudizzju għall-premess illi ma ġewx segwiti l-artikoli tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ta' ARBITRAĠĠ u għalhekk dan l-hekk imsejjaħ arbitraġġ bejn il-partijiet mhux vinkolanti fuqhom.*

*C. Bla preġudizzju għas-suespost, illi din il-proprjeta' ġiet f'idejn il-partijiet b'riżultat tal-mewt ta' ommhom u ċioe b'wirt u għalhekk l-atturi ma jistgħux jipproċedu b'din il-kawża qabel ma tiġi eżebita l-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ai termini tal-Artiklu 37 tal-liġi dwar l-istess.*

*D. Sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess, illi bl-aġir tal-konvenut, li kien intitolat skond il-liġi illi ma jersaqx għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt għax ma kienx vinkolat li kellu jagħmel hekk, l-atturi ma sofrew ebda danni. Anke jekk stess sofrew xi danni, li hu kontestat, ma għandux jirrispondi għalihom l-esponenti li kien initolat li ma jiffirma ebda, kuntratt pubbliku detrimentali għalih.*

*E. Fl-aħħar nett bla preġudizzju għal dak kollu fuq espost, illi din mhux l-unika proprjeta' li għandhom il-partijiet in komuni bejniethom u għalhekk l-atturi ma jistgħux jitolbu likwidazzjoni parzjali tal-proprjeta in komuni.*

*2. Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

**Provi:**

3. Rat li permezz ta' deċiżjoni parzjali ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 5 ta' Ottubru 1994 il-kawża odjerna kienet tħalliet *sine die*. (Fol.39)

4. Rat li ġie eżebit id-dokument dwar id-denunzja in segwitu għall-mewt ta' Carmel Colombo. (Fol.52)

5. Rat li permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti diversament ippreseduta datata 1 ta' Ottubru 1996, il-kawża odjerna ġiet differita għall-kontinwazzjoni fil-mertu. (Fol.69)

6. Rat li b'digriet datat 10 ta' Diċembru 1996 ġie nominat il-Perit Frederick Doublet. (Fol 85)

7. Rat ir-rapport tal-**Perit Frederick Doublet** ippreżentat fil-11 ta' Diċembru, 2001. (Fol.106)

8. Rat li l-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-kuntratt ta' diviżjoni in kwistjoni ġie ippublikat fis-17 ta' Ġunju 2005 (fol 178), b'hekk l-ewwel tlett talbiet kif dedotti kienu eżawriti, salv dwar il-kap tal-ispejjeż. (Fol 168)

9. Rat li in segwitu għall-mewt tal-konvenut Paul Colombo b'digriet datat 13 ta' Mejju 2009 l-atti ġew trasfużi f'isem Giovanna Muscat, George Colombo, Rita Zammit, John Colombo, Carmelo Colombo, Navarra Camilleri u Emanuel Colombo.

10. Rat l-affidavit tal-**Perit Lino Cachia** ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2006. (Fol.170)

11. Rat l-affidavit tal-attriċi **Riccarda Cachia** ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2006. (Fol.177)

12. Rat li kienu ġew nominati il-Perit Frederick Doublet bħala espert tekniku u Dr. Mark Chetcuti bħala perit legali permezz ta' digriet datat 8 ta' Mejju 2006. (Fol.186)

13. Rat li stante li l-Perit legali Dr.Mark Chetcuti ġie elevat għall-ġudikatura, ġie nominat Dr. Massimo Vella bħala perit legali permezz ta' digriet datat 15 ta' Frar, 2011. (Fol.223)

14. Rat li l-Qorti issostitwiet in-nomina tal-perit arkitett Frederick Doublet bin-nomina tal-Perit Joe Ellul Vincenti permezz ta' digriet datat 23 ta' Novembru 2011. (Fol.267)

15. Rat li fil-mori tal-każ miet l-attur Giuseppe Cachia, ir-raġel ta' Riccarda Cachia u permezz ta' digriet datat 18 ta' Novembru 2011 l-atti ġew trasfużi f'isem Jane Grima u Lino Cachia.

16. Rat l-affidavit ta' George Colombo ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2017. (Fol.294)

17. Rat l-affidavit ta' Emanuel Colombo ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2017. (Fol.298)

18. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fis-7 ta' Ottubru 2019.

19. Rat ir-relazzjoni peritali tal-periti ġudizzjari Dr. Massimo Vella u l-perit Joseph Ellul Vincenti (Fol 383), ippreżentat fit-23 ta'Ottubru 2018, ġie debitament mħallat u maħluf fil-5 ta' Frar 2020.

20. Rat in-nota ta' Riccarda Cachia ippreżentata fis-7 ta' Lulju 2020 bid-domandi in eskussjoni. (Fol 398)

21. Rat in-nota tal-Periti Ġudizzjarji ippreżentata fit-18 ta' Novembru 2020 fejn wieġbu għad-domandi in eskussjoni. (Fol 410)

22. Rat illi fil-21 ta' Jannar 2021 il-Qorti ordnat illi, wara ftit anqas minn tletin sena minn mindu ġiet ppreżentata l-kawża, l-istadju tal-ġbir tal-provi kellu jitqies bħala magħluq.

23. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Riccarda Cachia ippreżentata fis-6 ta' April, 2021. (Fol 420)

24. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ulied il-mejjet Paul Colombo ippreżentata fl-10 ta' Ġunju 2021. (Fol 438)

25. Rat illi fit-22 ta' Ġunju 2021 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

## Fatti tal-każ

26. Jirriżulta li qabel il-preżentata ta' dan il-każ, il-konvenut Paul Colombo u ir-rikorrenti oħtu Riccarda Cachia kienu jippossjedu l-fond numru ħdax (11) St. Bernardette Street, San Ġwann, fi kwoti indaqs bejniethom provenjenti mill-wirt ta' ommhom Carmen Colombo.

27. Jirriżulta li omm il-kontendenti mietet fit-23 ta' Lulju 1989.

28. Jirriżulta li meta ġie ppreżentat il-każ odjern ir-rikorrenti ilmentat li wara ftehim bil-miktub datat 14 ta' Ottubru 1991, ir-rikorrenti w il-konvenut Paul Colombo kienu irremettew ruħhom għall-arbitraġġ tal-Perit Huntingford, kif jirriżulta mill-iskrittura eżebita Dok A. Madankollu, ħu l-attriċi, ossija l-intimat Paul Colombo, ma kienx qabel ma' din id-diviżjoni kif proposta.

29. Għalhekk, anke wara li interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 27 ta' Frar 1992, baqgħet ma saret l-ebda diviżjoni. Jirriżulta, li l-konvenut Paul Colombo kien bagħat ittra datata 23 ta' April 1992 lill-attriċi, eżebita fl-atti bħala Dok EC5, fejn kien talab li jiġi kompensat għall-benefikati fil-fond li jinsab f'komproprjeta` u għal serviġi. Iżda, sussegwentement għal din l-ittra, l-attriċi ipproċediet b'dan il-każ għad-diviżjoni tal-imsemmija propjetà u kif ukoll għad-danni.

30. Illi waqt l-andament ta’ dan il-każ, sar pjan ta’ diviżjoni mill-perit nominat minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta, il-Perit Frederick Doublet. Iżda l-konvenut Paul Colombo ma kienx qabel mal-pjan ta’ diviżjoni kif propost.

31. Jirriżulta li, madanakollu, sussegwentament kien ġie ffirmat kuntratt ta’ diviżjoni bejn il-kontendenti u ġie ppublikat il-kuntratt fis-17 ta’ Ġunju 2005, kif rilevat fil-verbal datat 26 ta’ Jannar 2006 (Fol 168). Konsegwentement, l-ewwel tlett talbiet kif dedotti huma eżawriti.

32. Rat li George Colombo, hu Emanuel Colombo spjegaw fl-affidavit tagħhom għaliex missierhom, Paul Colombo, li nelfrattmep kien laħaq miet, ma kienx aċċetta l-ewwel tlett pjanijiet ta’ diviżjoni u sussegwentement meta l-pjan ta’ diviżjoni inbidel mill-Perit Lino Cachia, sabiex ġew indirizzati ir-riżervi li kellu Paul Colombo, huwa eventwalment kien resaq għall-kuntratt ta’ diviżjoni mingħajr ebda dewmien.

33. Jirriżulta li ġie ppreżentat ir-rapport peritali tal-periti ġudizzjari Dr. Massimo Vella u l-perit Joseph Ellul Vincenti. Illi ġie konkluż li f’materja ta’ danni sabiex tirnexxi l-pretensjoni tar-rikorrenti irid jirriżulta li l-konvenut Paul Colombo kien wettaq xi forma ta’ illeċitu konsistenti fi vjolazzjoni ta’ dritt tar-rikorrenti. Ġie konkluż illi min dak premess fiċ-ċitazzjoni odjerna, Paul Colombo qatt ma seta’ kellu xi forma ta’ obbligu li jersaq għal diviżjoni fuq il-bażi ta’ arbitraġġ. Fir-relazzjoni peritali ġie konkluż ukoll is-segwenti:

> *“Kull komproprjetarju għandu għalhekk dritt li jitlob id-diviżjoni u tali dritt jimplika, de minmis, obbligu fuq il komproprjetarju l-ieħor li ma jfixkilx l-eżerċizzju ta’ tali dritt abbużivament.”*

Ġie konkluż ukoll li sabiex tirnexxi talba għad-danni, iridu jiġu ippruvati malizzja jew negliġenza gravi li jridu jiġu ippruvati sal-grad taċ-ċertezza morali bbażata fuq bilanċ ta’ probabiltajiet.

Il-konklużjoni aħħarija tal-periti ġudizzjarji hija s-segwenti;

> *“Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-esponenti jissottomettu li l-atturi ma sseħħilhomx jipprovaw il-pretenzjoni tagħhom għad-danni. Konsegwentement ir-raba’, il-ħames u s-sitt talbiet għandhom jiġu miċħuda u l-eċċezzjoni D tal-konvenuti għandha tiġi milqugħa.*
>
> *Għal dak li jirrigwarda il-kap tal-ispejjeż l-esponenti huma tal-umli fehma li minkejja li l-mertu ta’ l-ewwel tlett talbiet ġie eżawrit bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ diviżjoni, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu maqsuma fil-kwoti ta’ 70% għal karigu tal-atturi u 30% għal karigu tal-konvenuti u dan sabiex jittieħed kont tal-eżitu*

> *taż-żewġ sentenzi parzjali mogħtija rispettivament fil-5 ta' Ottubru 1994 u fl-1 ta' Ottubru 1996 u jittieħed ukoll kont tal-fatt li r-raba', l-ħames, u s-sitt talbiet ġew miċħuda in-toto."*

34. Għad-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti l-periti wieġbu hekk:

> *"Fil-kuntest ta' diviżjoni diffiċilment jista' wieħed jgħid fejn parti kellha raġun u l-oħra tort, multo magis f'każ bħal dak tal-lum fejn il-vertenza, almenu sa fejn kien jirrigwarda d-diviżjoni nnifisha, tkun ġiet tranzatta fil-mori. L-esponenti iżda jidhrilhom li bl-applikazzjoni tal-prinċipji enuċjati, huwa konċepibbli li parti f'kawża ta' diviżjoni tista' tkun responsabbli għad-danni lejn il-parti l-oħra jekk tkun irreżistiet id-diviżjoni (li wara kollox hija dritt tal-parti l-oħra) b'malizzja jew negliġenza gravi."*

35. Dwar il-prinċipju li kull kompropjetarju għandu dritt jutilizza kull parti tal-fond in komproprjeta` sakemm issir id-diviżjoni, il-periti wieġbu fir-relazzjoni tagħhom li dan il-prinċipju huwa ben aċċettat iżda mill-provi in atti ma ġietx ippruvata malizzja jew negliġenza gravi.

    Dwar id-diversi tentattivi għad-diviżjoni u l-ostakolu ta' Paul Colombo għal tali proposti l-periti wieġbu li huwa minnu li kien hemm numru ta' proposti iżda sabiex issir id-diviżjoni, iżda ma jaqblux li l-konvenut ħoloq ostakolu għad-diviżjoni. Fil-fatt ġiet ikkwotata x-xhieda tal-Perit Lino Cachia li qal in kontro-eżami li hu stess kien sab anomaliji fil-pjan tar-reviżjoni redatt mil-Perit Doublet, u proprju għalhekk il-pretensjoni tar-rikorrenti għad-danni ma ġietx ippruvata. Il-Perit Lino Cachia huwa indikat li qal is-segwenti lill-Periti Ġudizzjarji:

    > *"Meta għamilt il-pjan tiegħi, barra li ż-żewġ partijiet ġew assenjati "areas" ekwivlalenti, kont għamilt proposta ta' kif kull parti setgħet tiġi żviluppata biex nuri ċar li l-iżvilupp kien simili u possibbli għal kull parti. Barra minn hekk konna ipproponejna wkoll li l-konvenuti jingħataw id-dritt tal-ewwel għażla u mhux bix-xorti bħal qabel. Dan għaliex konna nemmnu li d-diviżjoni kienet realment ugwali u peress li kont għamiltha jien ridt illi kollox jidher illi kien sar b'mod imparzjali." (fol 389)*

36. Fit-tweġibiet tagħhom in eskussjoni l-periti ġudizzjarji wieġbu li t-talbiet attriċi huma limitati biss għal telf ta' kirjiet li kellhom jiġu perċepiti u dan dejjem skond ir-raba' talba attriċi. Għalhekk kull allegazzjoni oħra ta' danni ma ġietx meqjusa in kwantu *extra petita*. Żiedu jgħidu illi ġia ġie sottolineat li r-raba' talba attriċi, ossija l-allegazzjoni ta' telf ta' kirjiet qed tiġi miċħuda għaliex ma ġiex ippruvat li l-konvenut ma resaqx għad-diviżjoni b'malizzja jew negliġenza gravi. Għalhekk, l-Periti Ġudizzjarji kkonkludew li d-domanda da parti tar-rikorrenti li qed tirreferi għal kirjiet bejn 1992 u 2005 hija ipotetika u tmur lil hinn mill-petitum tal-azzjoni.

**Ikkunsidrat**

37. Jirriżulta, illi r-rikorrenti qegħdin, permezz tal-azzjoni preżenti, jitolbu żewġ affarijiet:

    a. li jsir il-kuntratt ta' diviżjoni b'referenza għall-imsemmi fond, li kien b'komproprjeta` ma' Riccarda Cachia u ħuha Paul Colombo, kif ukoll;
    b. li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għad-danni f'kirjiet li kellhom jiġu perċepiti mill-atturi matul is-snin, u l-likwidazzjoni ta' dawn id-danni pretiżi.

38. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-konvenut kien eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li ma ġewx segwiti l-artikolu tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili rigward l-arbitraġġ, biex b'hekk l-arbitraġġ bejn il-partijiet ma kienx vinkolanti fuqhom. Inoltre` ġie eċċepit ukoll, li stante li l-imsemmija proprjetà` ġiet f'idejn il-partijiet b'wirt, trid tiġi eżebita l-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Inoltre`, ġie wkoll sostnut, li l-atturi ma sofrewx l-ebda danni, u bl-ebda mod m'għandu jirrispondi l-konvenut għal danni jekk kemm-il darba huwa ma ffurmax kuntratt ta' diviżjoni li kien ta' detriment għalih.

**Dwar l-eċċezzjonijiet tal-konvenut indikati bħala 1 A, B u C**.

39. Illi dak eċċepit mill-konvenut dwar talbiet alternattivi illum m'għadux ireġġi stante li huwa ben stabbilit u maqbul bejn il-partijiet, li l-ewwel it-tieni u t-tielet talbiet huma sorvolati ladarba seħħ il-kuntratt ta' diviżjoni bejn il-partijiet fil-mori tal-każ. Dwar l-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, din il-kwistjoni tinsab ukoll sorvolata. Illi bl-ebda mod ma jista' jingħad, anke wara t-trapass ta' żmien mill-intavolar ta' dan il-każ li l-Arbitraġġ huwa vinkolanti fuqhom anke wara d-diversi tentattivi għal diviżjoni li saru, u wara li ġie iffirmat il-kuntratt ta' diviżjoni bejn il-kontendenti fil-mori ta' dan il-każ. Għalhekk, din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-eċċezzjonijiet.

**Meritu tal-każ.**

40. Illi l-**Artikolu 496 tal-Kodiċi Ċivili** (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) li jittratta dwar it-talba għal qasma tal-ħaġa miżmuma in komun jgħid illi:

    *(1) Ħadd ma' jista' jkun imġiegħel jibqa' fil-komunjoni, kull wieħed mill-komproprjetarji jista' dejjem, għad li jkun hemm ftehim xort'oħra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b'*

*testment li din il-qasma m'għandhiex issir jew li għandha tinżamm sospiża skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 906.*

*(2) Iżda, jiswa l-ftehim li l-komunjoni tibqa' għal żmien determinat, li ma jkunx jaqbeż il-ħames snin; u kull ftehim għal żmien itwal hu null għal dak iż-żmien li jkun jaqbeż il-ħames snin.*

41. Min dan joħroġ illi kull komproprjetarju għandu dritt jitlob id-diviżjoni u jinsisti li sehmu, żgħir kemm hu żgħir, jieħdu fil-qasma, u ma jistax jiġi mġiegħel jibqa' in komun.

42. Apparti dan, il-qasma materjali kif mitluba, taffettwa l-valur ekonomiku tal-art. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża "**Zammit vs Grech et**" deċiża fit-8 ta' Marzu, 1983,

*"..biex tingħata d-diviżjoni mhux biżżejjed li l-beni in komuni jkunu jistgħu materjalment u fiżikament jiġu diviżi, imma jeħtieġ ukoll li l-beni jiġu diviżi komodament u bla diskapitu. Ikun hemm diskapitu wkoll meta l-fond bid-diviżjoni materjali jiġi deprezzat fil-valur ekonomiku tiegħu."*

43. Il-Qorti ta' Kassazzjoni fl-Italja f'deċiżjoni tagħha tad-29 ta' Mejju, 1976 (nru 1947, **Giusti** Av. Mass. 1976, 859) irriteniet illi:

*"Per determinare il credito di comoda divisibilita' di un immobile occorre non solo avere riguardo alla possibilita' di realizzarne la materiale divisione, ma e' necessario, altresi', considerare la eventualita' che dal frezionamento possa conseguire un deprezzamento dell'originario valore intrinsico del bene e che ai partecipanti vengono quindi attribuite porzioni inidonee alla funzione economica dell'intero".*

44. Għalhekk, jidher evidentement, li għalkemm huwa imperattiv li ssir il-qasma, huwa determinanti wkoll li l-qasma ssir bla diskapitu.

45. Jirriżulta, fil-każ in eżami, li l-ewwel tlett talbiet kif dedotti huma illum sorvolati meta seħħ il-pjan tad-diviżjoni redattt mill-Perit Lino Cachia, li huwa iben l-istess attriċi, fejn il-konvenut ma ostakolax id-diviżjoni iżda ittutela d-drittijiet tal-partijiet, u dan kif ikkonfermat mill-abbli Periti Ġudizzjarji.

46. L-ilment tal-attriċi huwa bbażat fuq il-fatt li l-konvenut ħuha Paul Colombo ostakola id-diviżjoni min 1992 sa 2006, u fl-istess żmien huwa kien igawdi l-imsemmija propjetà. Fil-fatt jirriżulta li omm il-kontendenti kienet mietet fit-23 ta' Lulju 1989. Il-konvenut kien kiteb ittra lill-attriċi datata 30 ta' Marzu 1992 fejn talab li jiġi ikkumpensat għall-benefikati fil

fond u għas-serviġi. Sussegwentement, l-attriċi ippreżentat il-każ odjern fit-23 ta' April, 1992.

47. Fis-sottomissjonijiet tal-atturi, ġew sottolineati tlett punti.

    a. ġie sostnut li r-rikorrent ma kienx in *bona fede* meta ma resaqx għad-diviżjoni, u dan abbażi ta' dak li jgħid l-Art. 496 tal-Kodiċi Ċivili.
    b. ġie sostnut il-fatt li l-konvenut kien qed joqgħod fl-imsemmi fond ma kienx in *bona fede*.
    c. ġie sostnut li l-atturi ma jaqblux mal-konklużjonijiet tal-periti ġudizzjarji, u ċioe, il-konvenut ma ostakolax, u ma kienx malinn meta ma resaqx għad-diviżjoni.

48. Fil-fatt, jirriżulta li l-periti ġudizzjarji, fil-konklużjonijiet tagħhom sabu r-raġuni għaliex il-konvenut ma kienx aċċetta l-ewwel pjanijiet tad-diviżjoni, ossija illi kien hemm anomaliji fil-pjan ta' diviżjoni kif redatt. Di fatti, il-periti ġudizzjarji ikkonkludew li l-pjan tad-diviżjoni ma kienx miċħud b'mod malizzjuz, tant illi, meta il-pjan tad-diviżjoni inbidel mill-Perit Lino Cachia, fejn ġew indirizzati ir-riżervi tal-konvenut, huwa aċċetta li jagħmel id-diviżjoni minnufih. Fil-fatt, il-periti ġudizzjarji irreferew speċifikament għal dak li qal il-Perit Lino Cachia meta xehed u kkonferma fix-xhieda tiegħu li fil-proposta tad-diviżjoni kif proposta mil-Perit Doublet kien fih anomaliji għalhekk, ġie konkluż li l-konvenut kien ġustifikat meta ma resaqx għad-diviżjoni kif proposta mill-Perit Doublet.

49. Għaldaqstant, b'referenza għad-danni, il-periti ġudizzjarji ma rrelatawx dwar il-kwantifikazzjoni ta' danni għaliex ikkonkludew li t-talbiet għad-danni għandhom jiġu miċħuda.

50. Ir-rikorrenti, mill-banda l-oħra, issottomettew li, għal dak illi jirrigwarda danni, il-kwantifikazzjoni u valutazzjoni ma tibdiex fis-sena 1989, iżda mill-aħħar tal-1994 sa nofs is-sena 2005 fejn l-ammont kwantifikabbli huwa ta' LM34,099.36.

51. Madanakollu, il-Qorti tosserva illi l-pretensjonijiet tal-atturi ma ġewx suffiċjentement ippruvati għas-sodisfazzjon tal-Qorti. Il-Qorti tosserva wkoll illi, kif korrettement ikkonkludew il-Periti Ġudizzjarji, ladarba ma ġietx ippruvata il-*mala fede*, m'hemmx lok għal ebda danni u għalhekk ir-raba', il-ħames, u s-sitt talbiet għandhom jiġu miċħuda.

52. Għaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti m'għandhiex raġunijiet għaliex ma toqgħodx fuq il-konklużjonijiet tal-periti ġudizzjarji. Konsegwentement, tiċħad ir-raba', l-ħames u sitt talbiet atturi.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat ir-Rapport tal-Periti Ġudizzjarji u d-domandi in eskussjoni illi sarulhom;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeciedi l-vertenza billi:

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet talbiet** tar-rikorrenti u tal-ewwel tlett eċċezzjonijiet ta' l-intimat, stante illi, kif ivverbalizzat mill-partijiet fis-26 ta' Jannar 2006, tali meritu kien eżawrit bil-pubblikazzjoni tad-diviżjoni illi seħħet fis-17 ta' Ġunju 2005.

**Tilqa'** r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-intimat, u għalhekk:

**Tiċħad ir-Raba', l-Ħames u s-Sitt Talbiet** tar-rikorrenti għall-motivi fuq spjegati.

**L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna għandhom ikunu sebgħin fil-mija (70%) a kariku tar-rikorrenti u tletin fil-mija (30%) a kariku ta' l-intimati.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur